## ĦAL LUQA

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 18 – IT-TNEJN 14 TA' DIĊEMBRU 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa It-Tnejn 14 ta' Diċembru 2020 fis-17:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| | Frederick Aquilina | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Lucia Massa | Kunsilliera |
| | Maria Magri | Kunsilliera |

| | | |
|---|---|---|
| Uffiċċjali Preżenti | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |

### 1. QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJI

1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġiji.

### 2 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1 Il-minuti ġew approvati mill-Kunsilliera Massa u ssekondati mill-Kunsillier Caruana.

### 3 RESUME TAS-SENA

3.1 Is-Sindku semma li kien hemm titjib kbir fuq l-Infrastruttura u komplew isiru diversi toroq.

3.2 Is-Sindku semma li għalkemm ma stajniex norganiżżaw ċerti attivitajiet xort saru oħrajn. Huwa qal li organiżżajna għal darb' oħra t-tilqima tal-influwenza għalkemm iltqajna ma diversi problemi. Huwa semma wkoll li anki mill-qasam edukattiv bqajna lura ħafna.

3.3 Is-Sindku semma li matul din is-sena twettaq ukoll proġett tar-restawr fuq it-tlett niċeċ ta' San Ġużepp, San Mikiel u l-Qalb ta' Ġesu u saret stedina lil Ministri Herrera u Camilleri biex ikunu parti mill-inawgurazzjoni.

3.4 Is-Sindku semma li fir-rigward tal-istatwa tal-Kunċizzjoni l-kuntrattur infurmana li kien beħsiebu jibda x-xogħol f' Jannar li ġej.

3.5 Is-Sindku semma wkoll li kien se jinbeda x-xogħol tar-restawr fuq il-ħitan tas-sejjiegħ fi' Triq il-Karmnu Sqaq Nru 4 u f' Ħal Farruġ. Dawn se jsiru permezz ta' fondi tal-EU u se nkunu qed noħorġu tender apposta.

3.6 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk jistgħux jintużaw fondi biex jerġa jinbena l-ħajt tas-sejjiegħ taċ-Ċimiterju ta' San Tumas. Is-Sindku qal li l-ewwel irridu naraw fiex ikun wasal ix-xogħol bil-fondi li jingħataw.

3.7 Is-Sindku semma wkoll li bħala Kunsill din is-sena applikajna għall iskema LC Care u bħala Kunsill ibbenefikajna. Huwa qal li issa ser isir koordinament u laqgħa mal-feeders biex isir użu minn din l-iskema.

3.8 Is-Sindku semma li aħna bħala Kunsill erġajna ħriġna t-tender tal-vann peress li ma kienx hemm offerenti. Huwa qal li reġgħu inħarġu numru ta' tenders fosthom tal-knies u tas-sistema tal-irrigazzjoni għall Ħal Farruġ.

3.9 Is-Sindku semma li dan il-Kunsill reġa kellu review tajba peress li mill-lista ta' Kunsilli li jinsabu f' defiċit li ssemmiet dil-ġimgħa fuq l-aħbarijiet ma konniex fosthom aħna u għall darb' oħra dan huwa ċertifikat tajjeb fuq it-tmexxija.

3.10 Is-Sindku semma wkoll li rigward is-saqaf tal-latrina qed nistennew il-permess u bħalissa qed isir koordinament mal-kuntrattur biex ix-xogħolijiet hawn jinbdew wara l-festi tal-Milied.

## 4. TIŻJIN TAL-MILIED

4.1 Il-Kunsillier Caruana qal proset fuq it-tiżjin tal-Milied kif kien sar mill-Kunsill din is-sena. Huwa qal li l-Kunsill għandu jikkonsidra li jieħu kompletament dan it-tiżjin f' idejh.

4.2 Il-Kunsillier Aquilina qal li jkun tajjeb jekk dan it-tiżjin jinfirex f' aktar toroq il-quddiem. Huwa saqsa kemm sewa il-kiri ta' dan id-dawl. Is-Sindku qal li dn sewa madwar Euro 3,000.

4.3 Il-Kunsillier Aquilina qal li kien hemm tnaqqis kbir mid-dawl li kienu jagħmlu l-Każini.

4.4 Is-Sindku qal li huwa għas sena d-dieħla jixtieq anki li jkun hemm Christmas Tree kbira fiċ-Ċentru tar-raħal anki peress li għandna village core sabiħ bir-roundabout kif inhi.

## 5. PROĠETT TRIQ SEBASTIANO SALIBA

5.1 Is-Sindku semma li  huwa kien iltaqa mal-Perit fejn spjegalu x' kienet l-intenzjoni tal-Kunsill fuq Triq Sebastiano Saliba. Huwa qal li l-Perit kien ħejja pjanta proposta bit-traffic Management.

5.2 Is-Sindku semma li huwa ressaq l-idea li fit-tarf jkun hemm spazju fejn isir monument għall Sant' Andrija peress li din kienet wiegħda tal-manifest elettorali.

## 6. TWEĠIBIET GĦALL MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

6.1 Il-Kunsillier Caruana reġa saqsa fuq punt 4.1 dwar il-U -bars li kellhom isiru fejn hemm il-BEKO. Is-Sindku qal biex nordnaw żewġ U-Bars bil-pjanċi mingħand Mario Mallia.

6.2 Il-Kunsillier Caruana qal li fi Triq Patri Damjan Taljana trid terġa tissewwa l-manhole peress li anki inqala t-tarmac tal-madwar.

6.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-proġett tat-traffic Management ta' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra. Is-Sindku ippropona biex nerġgħu nibgħatu email lill-Perita peress li dan ix-xogħol kien imwiegħed.

6.4 Il-Kunsillier Caruana semma li kien sar xogħol tajjeb fejn hemm il-Monument tal-Gwerra u għandu jintwera apprezzament lil min għamel dan ix-xogħol.

6.5 Il-Kunsillier Aquilina saqsa jekk konniex applikajna għall iskema biex inħawlu siġar ġodda. Is-Sindku qal li din kienet saret.

6.6 Il-Kunsilliera Massa saqsiet fuq it-trasport għall Ħal Farruġ bit-trasport pubbliku kif konna bqajna. Is-Sindku qal li hawnhekk kienet saret laqgħa mal-uffiċċjali responsabbli fis-Sajf u talab biex nerġgħu niktbulhom peress li ma kienx hemm aħbar.

## 7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

7.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq dan is-suġġett.

## 8. TMIEM TAL-LAQGĦA

8.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha it-Tnejn 14 ta' Diċembru 2020 fil-5.35 pm. Is-Sindku informa li issa kien jmiss li ssir l-laqgħa tal-lokalita li matulha jitressqu l-estimi finanzjarji għas sena li ġejja. Ma kienx hemm data proposta għall laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |